# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Kyle Borg)

Vs

Clint Cauchi

Kump Nru 180/18

Illum, 21 ta' Marzu 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clint Cauchi ta' 33 sena iben Joseph u Emanuela xebba Farrugia imwieled Pieta' nhar is-6 ta` Marzu, 1985 residenti Blk 2 Bieb B Flat 4 Triq, Ir-Ramija Siggiewi, ID 162685(M) u cioe talli nhar it-02 ta' Frar 2018, ghall-habta tas-17.45 ta' filghaxija gewwa fond Pane e Peccati sitwat fi Triq, Mons Mikiel Azzopardi Siggiewi.

1. B'qerq ghamilt, biddilt jew iffalsifikajt flus jew qieghedt fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li kont taf li huma falsifikati;
2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ikkommettejt serq li jitqies semplici (pakkett sigaretti) ghad-dannu ta' Pani e Peccati u/jew Nicola Schembri u /jew persuna ohra.

U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' *Probation*, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magiostrati preseduta mill-Magistrat Dr A Vella LLD nhar it-30 ta' Novembru 2017 liema sentenza saret dofinittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kas ta' htija, barra li tinfliggi il-piena stabbilita mill-Ligi tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk fil-waqt tal-procedimenti kriminali il-Qorti tqis il-htiga li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija mitluba sabiex qabel tikkondsulta mal-Bank Centrali ta' Malta u ghandha skond ma jkun jenhtieg mill-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fil-Artikolu 188F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Porti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 ta Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tad-19 ta' Otubru, 2021 inqrat ic-citazzjoni u sar l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li hu hati.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontesti lilu

inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista` tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registarta minnu semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal- imputazzjoniujet migjuba kontrih.

Rat li il-partijiet qabblu li t-tielet akkuza kienet giet diga mehuda in konsiderazzjoni fis-sentenza per is-sentenza Il-Pulizija vs Clint Cauchi tal-30 ta Marzu 2021 (Dok CC).

Semghet ix-xhieda;

Rat il-pre-sentancing report tal-Probation Officer Maryanne Farrugia.

Rat l-atti kollha tal-kas u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjoniejt maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Rat l-artikoli 188B ,188F, 284 , 533 tal- Kapo 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat iregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri.

Illi li l-partijiet qabblu li t-tielet akkuza kienet giet diga mehuda in konsiderazzjoni per is-sentenza Il-Pulizija vs Clint Cauchi tal-30 ta Marzu 2021 ( Dok CC) u jirrizulta l-istess minn ezami tal-istess dokument.

Illi Dok JC, il-karta tal-flus falsifikata mhux in atti u bhekk isegwi li l-Qorti ma tistghax taghmel dak rikjest ai termini tal-artikolu 188(F) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jew tordna l-konfiska tal-oggett ezebit.

Illi l-ispejjes tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco (a fol 126 et sequitur tal-process) jirrizulta li huma ta' erba' mija u sebghin euro u tmienja u tmenin centezmu ( 470.88).

Illi fil-pre-sentancing report l-Probation Officer Marianne Farrugia dahlet fid-dettal dwar ic-cirkostanzi kollha tal-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li ttastjeni li tiehu in konjizzjoni ulterjuri itt-tielet imputazzjoni wara li rat l-artikoli 188B ,188F, 284 , 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib l-imputat hati tal-imputazzjonijet kollha izda ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghedu taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum bil-kondizzjonjiet elenkat fl-istess Ordni.

Il-Qorti wissiet lill-Clint Cauchi bil-konsegwenzi tal-Ligi jekk ma isegwiex l-Ordni tal-Probation.

Tordnal li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta isir il-hlas ta' erba' mija u sebghin euro u tmienja u tmenin centezmu (470.88), spejjes tal-espert, fi zmien tlett snin.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**